



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2010/2300(INI)

18.4.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi li qed jiżviluppaw
(2010/2300(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Gabriele Albertini

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-proċess ta' konsultazzjoni fil-livell Ewropew; jittama li l-prattika tal-ġhoti ta' appoġġ baġitarju tiġi analizzata b'mod oġġettiv u mtejba sabiex tiżdied l-effikaċja tagħha;
2. Ifakkar li, skont it-Trattat ta' Lisbona, it-tnaqqis u l-qerda tal-faqar hu l-għan prinċipali tal-politika tal-UE għall-iżvilupp ; jenfasizza li l-faqar għandu iktar minn dimensjoni waħda bħal dik umana, ekonomika, soċjokulturali, ibbażata fuq il-ġeneru, ambjentali u politika, li għandhom jiġu indirizzati kollha mill-politika tal-UE għall-iżvilupp;
3. Huwa wkoll tal-fehma li l-appoġġ baġitarju jista' jgħin fil-ħolqien ta' mekkaniżmi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni jekk il-kundizzjonijiet ta' ġestjoni baġitarja trasparenti u totalment responsabbli jeżistu u jkun intlaħaq ftehim dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni; altrimenti tista' - għall-kuntrarju - tikkontribwixxi għal żieda fil-korruzzjoni; jisħaq fuq l-importanza, jekk hemm bżonn, li jgħin l-awtoritajiet pubbliċi u l-parlamenti fil-pajjiżi benefiċjarji biex jippromwovu t-trasparenza u l-governanza xierqa u biex jiġġieldu l-korruzzjoni;
4. Jemmen li l-appoġġ baġitarju, bħall-ġhajjnuna programmata, għandu jiġi ttrattat bħala strument tranżitorju u ma għandux ixekkel l-isforzi biex jissaħħew il-kapaċitajiet tal-pajjiżi biex jgħollu r-riżorsi proprji, bħat-taxxi biex isiru indipendenti mid-donazzjonijiet għall-pajjiżi terzi;
5. Hu tal-opinjoni li l-istrateġiji tal-iżvilupp għandhom jiġu ddisinjati mill-gvernijiet destinatariji nfushom, b'konsultazzjoni ma' spettru wiesa' tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, u b'kooperazzjoni mill-qrib mad-donaturi internazzjonali, u jridu jaqblu dwarhom il-parlamenti nazzjonali; ukoll, illi s-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali u l-parlamentari jeħtieġ li jkunu involuti f'kull stadju tal-implimentazzjoni, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tar-riżultati, li dan il-proċess irid ikun trasparenti u jippermetti djalogu regolari u effikaċi mas-soċjetà ċivili u li dan ir-rekwiżit għandu jkun kriterju deċiżiv ta' eliġibbiltà għall-appoġġ baġitarju;
6. Jenfasizza l-importanza tal-effikaċja tal-ġhajjnuna tal-UE għall-iżvilupp; jappella għall-iżvilupp ta' sistemi tal-evalwazzjoni indipendenti fil-livell tal-UE u mekkaniżmu għall-ilmenti ta' dawk affettwati mill-ġhajjnuna tal-UE, kif ukoll fl-appoġġ tal-mekkaniżmi għar-responsabbiltà fil-pajjiż stess;
7. Jikkunsidra li, billi l-użu tal-appoġġ baġitarju hu deċiżjoni strateġika importanti fir-relazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi msieħba, l-Artikolu 290 tat-TFUE (atti delegati) għandu japplika għad-definizzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għal din il-modalità tal-ġhajjnuna, u jagħti lill-Kunsill u lill-Parlament, bħala koleġiżlaturi, is-setgħat sħaħ ta' kodeċiżjoni dwar l-adozzjoni tiegħu, inkluż - jekk meħtieġ - id-dritt ta' revoka tal-att delegat;
8. Itenni li l-appoġġ baġitarju għandu jintefaġ sabiex jitnaqqas il-faqar, inkluż li jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju u l-prinċipji bħas-šhubija, l-effikaċja tal-ġhajjnuna u l-

koerenza politika għall-iżvilupp; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-inċentivi bbażati fuq ir-riżultati iżda jenfasizza li differenzi fl-iżborżament għandhom ikunu prevedibbli kemm jista' jkun sabiex ma jħallux impatt negattiv fuq l-ippjanar baġitarju; itenni li l-appoġġ baġitarju għandu jingħata biss lill-pajżi li jissodisfaw u jsostnu l-istandards minimi tal-governanza u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja li l-kundizzjonijiet marbuta mar-riformi makroekonomiċi jridu jkunu kompatibbli mal-iżvilupp uman u soċjali;

9. Jissottolinja li l-appoġġ baġitarju settorjali jista' jikkostitwixxi, taħt ċerti ċirkostanzi, għażla intermedja utli li tagħti lill-gvernijiet u lill-parlamenti konċernati iktar responsabbiltà tal-fondi għall-għajjnuna filwaqt li tallokahom għall-MDGs;
10. Hu tal-opinjoni li, fil-kuntest tal-prinċipju tal-proprjetà tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, il-Parlament Ewropew għandu dejjem jipprova jippromwovi l-aċċess għall-edukazzjoni bażika, servizzi bażiċi tas-saħħa u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;
11. Jiddikjara li l-effikaċja tal-miżuri dwar l-iżvilupp tal-politika fil-pajjiżi msieħba trid tikkunsidra, b'mod sħiħ, il-kundizzjonijiet lokali u tirrispetta l-valuri tal-UE kif dikjarati fit-Trattat inklużi l-prinċipju tal-istat tad-dritt u d-demokrazija; jisħaq fuq il-fatt li l-bżonnijiet għandhom jibqgħu kriterju kruċjali għall-allokazzjoni tal-għajjnuna tal-UE għall-iżvilupp;
12. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri joħlqu reġistru pubbliku li fih jiġu elenkati b'mod trasparenti ftehimiet dwar l-appoġġ baġitarju, proċeduri u indikaturi tal-iżvilupp, bil-għan li jissaħħew l-istituzzjonijiet demokratiċi nazzjonali u biex tiġi żgurata responsabbiltà reċiproka;
13. Jenfasizza r-rwol kruċjali u obligatorju tal-koerenza politika fl-implimentazzjoni ta' politika tal-iżvilupp b'impatt qawwi; jiddikjara li l-appoġġ baġitarju jkollu biss effett pożittiv reali u dejjiemi jekk tiġi segwita azzjoni favur l-iżvilupp f'oqsma oħra tal-politika tal-UE bħall-ambjent, l-enerġija, il-klima, il-kummerċ, l-agrikoltura, u l-politika barranija u ta' sigurtà; jissottolinja, f'dan il-kuntest, il-bżonn ta' politika kummerċjali tal-UE biex tgħin fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet ta' parità fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw meta jiġi kkunsidrat li l-kummerċ jista' jkun wieħed mill-muturi effettivi ewlenin tat-tkabbir ekonomiku u tal-iżvilupp; jappella wkoll biex il-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE tiffoka fuq il-promozzjoni tad-drittijiet demokratiċi u tal-bniedem, il-paċi u s-sigurtà, il-prekundizzjonijiet fundamentali kollha għall-iżvilupp sostenibbli; jappella għal sforzi iktar sistematiċi għall-integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u miżuri ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;
14. Jistieden lill-Istati Membri jkunu konformi mal-impenji tagħhom biex gradwalment jilhqqu l-oġettiv miftiehem li jonfqu 0.7% tal-PDG fuq il-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	13.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 54 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriele Albertini, Dominique Baudis, Bastiaan Belder, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Barry Madlener, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñoz De Urquiza, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Pașcu, Vincent Peillon, Hans-Gert Pöttering, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Charles Tannock, Inese Vaidere, Kristian Vigenin
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Băsescu, Véronique De Keyser, Andrew Duff, Roberto Gualtieri, Liisa Jaakonsaari, Elisabeth Jeggle, Agnès Le Brun, Barbara Lochbihler, Jacek Protasiewicz, Judith Sargentini, György Schöpflin, Ivo Vajgl
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marije Cornelissen, Leonardo Domenici, Birgit Schnieber-Jastram